MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Numru 18/2004

**(Spettur P. Bond)**

**vs**

**CLIVE MICALLEF**

Illum 20 ta’ Jannar, 2004

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clive Micallef, bin Francis u Rita mitwielda Pace, imwieled tal-Pieta` fis-06/05/1983, u joqghod 58, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, li ghandu numru tal-karta ta’ identita` 250083(M), gie akkuzat:

Talli fit-2 ta’ Dicembru, 2003 ghall-habta tan-12.30 pm., waqt li kien fi Triq il-Fortizza, Mosta, bil-hieb li jisraq li stereo/radio jew apparat iehor li l-valur taghhom jaccedi l-Lm100 izda nqas minn Lm1,000 minn go karozza li ggib

numru ROD-178 t’ghamla Toyota Corsa, wera dan il-hsieb b’attijiet esterjuri u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi kisser il-quarter window tal-imsemmija karozza, liema tentattiv ta’ serq hu ggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Roderick Farrugia mill-Fgura. U aktar, talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna hsara voluntarja fl-istess karozza liema hsara taccedi l-Lm10 izda nqas minn Lm50 u dan ghad-dannu tal-imsemmi Roderick Farrugia;

Barra minn dan ukoll talli fit- 3 ta’ Novembru, 2003 wara nofs in-nhar, waqt li kien fi Triq il-Fortizza, Mosta, ikkommetta serq ta’ stereos/radios jew apparat iehor minn go karozza li ggib numru ABD-995 t’ghamla BMW kif ukoll minn go karozza li ggib numru DBA-406 t’ghamla Mazda 323 li l-valur taghhom jaccedi l-Lm100 izda nqas minn Lm1,000, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Arthur Borg mill-Mellieha u Matthew Axiaq minn B’Bugia, rispettivament;

U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna hsara volontarja fl-istess karozzi liema hsara taccedi l-Lm 50 izda nqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tal-imsemmija Arthur Borg u Matthew Axiaq.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PB2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-art. 41(a), 261(b), (c) u (g), 263, 264(1), 267, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(a), 325(a) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Clive Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikundanna lill-imputat Clive Micallef ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u tordna li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputat Clive Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clive Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------